**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1012/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Andy Rotin)**

**(Spettur Wayne Rodney Borg)**

**-Vs-**

**BRYAN THOMAS SLATER**

**Illum, 16 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **BRYAN THOMAS SLATER** ta' 46 sena, bin William Wilson Slater u Mary Grace nee' Sammut, imwieled ġewwa Bathgate, l-Iskozja, nhar it-28 ta' Diċembru 1976, u resident ġewwa 125, Flat 2, Triq l-Assedju l-Kbir, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' 031896M, li ġie akkużat talli bejn Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) u Settembru tas-sena elfejn u tlieta u

għoxrin (2023) f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda;

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti msemmijin;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokumenti maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz ;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000).

8. U aktar talli kellek fil-pussess jew kellek taħt il-kontroll tieghek xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

   Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi laqgħet it-talba ta' George Cremona, id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024, biex l-istess Dipartiment jiġi ammess fil-proċeduri bħala l-parti offiża a tenur tal-artikolu 410(5) tal-Kap. 9;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024 jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li ġie imwissi bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom, il-konsegwenzi ta' dikjarazzjoni tal-ħtija u l-piena erogabbli.

Semgħet lill-partijiet jaqblu illi l-ammont meħud illegalment għad-detriment tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali huwa ta' €18,867.40. u sar ripagament permezz tat-tnaqqis minn benefiċċji oħrajn perċepiti mill-imputat, fis-somma ta' €69.10;

Semgħet lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jiddikjara li l-proposta li saret mill-imputat għar-ripagament tal-ammont bilanċjali permezz tal-ħlas bil-quddiem fis-somma ta' €500 u in segwitu permezz ta' pagamenti mensili fis-somma ta' €300 kull wieħed, hi aċċettata mid-Dipartiment u semgħet lill-partijiet jiddikjaraw illi dan il-ftehim sejjer jiġi formalizzat bil-mitkub;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li m'hijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja effettiva;

Rat id-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti u l-atti kollha tal-proceduri;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati li qiegħed jinstab ħati dwarhom l-imputat u l-ammont sostanzjali li huwa kiseb għad-dannu tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'riżultat tal-kommissjoni ta' dawn ir-reati.

Iżda ħadet ukoll qies tal-fedina penali pjuttost netta tal-imputat, kif ukoll tal-fatt illi huwa ammetta l-ħtija tiegħu fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri u fuq kollox, il-fatt li huwa dispost li jagħmel tajjeb għad-danni kollha kkaġunati bir-reat, tant illi għamel proposta għar-ripagament bin-nifs, liema proposta ġiet aċċettata mid-Dipartiment u sejjer jiġi konkluż ftehim formali fir-rigward.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi l-istess att, ċioe' l-falsifikazzjoni tad-dokumenti jew skritturi ta lok għall-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi, fosthom l-artikoli 167, 183 kif ukoll l-artikolu 308 tal-Kap. 9. L-istess jgħodd għall-att konsistenti fl-użu tad-dokument falsifikat: dan jikkostitwixxi iktar minn reat wieħed, fosthom ir-reat taħt l-artikoli 169, 184 u 188 tal-Kap. 9 li jinkriminizza l-għoti ta' dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika, kif ukoll ir-reat tal-frodi. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, għanda tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi fost dawk li ġew kommessi permezz tal-istess att.

Imbagħad, ir-reati tal-falsifikazzjoni u l-użu ta' dokument falz jew skrittura falza, u r-reat taħt l-artikolu 310BA tal-Kap. 9, iservu fl-istess waqt ukoll bħala mezz għall-kommissjoni tar-reat ta' frodi taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u jsibu riskontru għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9.

Bl-ammissjoni tal-imputat għar-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, hu ma jistax jinstab ħati wkoll għar-reat tal-frodi innominata taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 għaliex dan ir-reat jinstab ħati tagħha min jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel u għalhekk, billi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu dwar ir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7) dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Ir-reat l-iktar gravi fost is-sensiela ta' reati li l-imputat ammetta l-ħtija dwarhom, huwa dak taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 li, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, jipprovdi għal piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin billi l-ammont tal-ħsara magħmula mill-imputat jeċċedi s-somma ta' €5,000. Ta' min isemmi li fit-trattazzjoni dwar il-piena, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi m'hijiex qiegħda tinsisti li tingħata piena karċerarja effettiva.

Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis illi filwaqt li l-iktar piena idoneja hija waħda karċerarja, hemm raġunijiet tajbin u validi fiċ-ċirkostanzi,

biex tapplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 532A tal-Kap. 9 minflok id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28H tal-istess Kap. 9.

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru sebgħa (7) għaliex hija alternattiva għall-imputazzjoni bin-numru sitta (6) u wara li rat l-Artikoli 17(h), 18, 167, 169, 183, 184, 185, 188, 308, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil BRYAN THOMAS SLATER ħati fuq ammissjoni tiegħu stess, tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien tliet (3) snin, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrendi applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil BRYAN THOMAS SLATER iħallas lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali il-bilanċ mis-somma ta' tmintax-il elf tmien mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħin ċenteżmu (€18,867.40), rappreżentanti d-danni sofferti mill-istess Dipartiment b'riżultat tad-delitti li dwarhom qed tinstab ħtija, bin-nifs permezz ta' ħlas bil-quddiem fis-somma ta' ħames mitt Euro (€500) u in segwitu b'rati mensili fis-somma ta' tliet mitt Euro (€300) kull waħda.**

**Billi ma jirriżultax li ġew nominati esperti f'dawn il-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Għall-fini tal-Artikolu 28A(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**